***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum l-Erbgha 11 ta' Mejju 2016.**

**Rikors Numru: 421/2016/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 421/2016/LSO fl-ismijiet:-**

**Paul Grech ID Nru 402847 (M) bin Giuseppi u Georgina nee' Zerafa imwield Zurrieq u residenti Zurrieq, u Raymond Camilleri ID Nru 95764 (M) bin Joseph u Maria nee' Inguanez imwieled Pieta` u residenti Zurrieq, Marthese**

**Camilleri ID Nru 212163 (M) bint Carmel Barbara u Maria Carmela nee' Bonello imwielda Zebbug u residenti Zurrieq, Carmelo Briffa ID Nru 483363 (M) bin Salvu u Salvina nee' Zerafa imwieled Pieta` u residenti Santa Lucija u Carmen Portelli ID Nru 66565 (M) bint George Portelli u Carmela nee` Mangion imwielda Birkirkara u residenti Santa Lucija.**

**vs**

**Catherine Farrugia ID Nru 683055 (M) bint Carmel Camilleri u Katerina nee' Tonna mwielda Zurrieq u residenti Zurrieq, Deborah Farrugia ID Nru 508791 (M) bint il-mejjet John Farrugia u Catherine nee' Camilleri mwielda Pieta` u residenti Zurrieq, Bernice Farrugia ID Nru 376088 (M) bint il-mejjet John Farrugia u Catherine nee' Camilleri mwielda Pieta` u residenti Zurrieq**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Paul Grech *et.* ipprezentat fit-15 ta' Marzu 2016 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament:

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din il-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b' titolu oneruz gratuwitu xi proprejta`, u b mod partikolari:

Blokk appartamenti bla numru flimkien mal-bejt u l-arja sovrastanti kif ukoll il-partijiet komuni, *car space* u garaxxijiet li jinsabu taht l-istess proprjeta` mmarkata ahjar bl-ittri A, B u C li jinsabu kollha fil-livell – 2 liema blokk huwa maghruf bhala 247 Court aktar qabel maghruf bhala "Power Cicc – 1" accessibbli minn Triq Edgar Bernard Gzira Malta; liema blokk ta' appartamenti hu konfinanti min-Nofsinhar ma' Triq Turu Rizzo, mix-Xlokk ma' Triq Edgar Bernard u mil-Lvant ma blokk ta' ufficini jew ma' dawk l-irjihat l-ohra verjuri u dan sabiex ir-rikorrenti jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom peress illi ghad li d-defunt John Farrugia nehha minn eredi tieghu lil uliedu, hemm ragunijiet solidi li *prima facie* juru li din kienet biss

manuvra sabiex icahhad lir-rikorrenti, li huma biss hamsa minn mijiet ta' kredituri, li kienu wrew fiducja fih u afdawlu flushom, minn dak li legittimatament hu taghhom bi dritt u dan kif jirrizulta minn Dok A anness.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwisjtoni kontra l-intimati.

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu 2016 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghat-22 ta' Marzu 2016, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Deborah u Bernice ahwa Farrugia detenturi tal-karta tal-identita` numerata 505791M u 376088M rispettivament datata 15 ta' April 2016 a fol 28 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Catheine Farrugia (ID Nru 683055M) datata 4 ta' Mejju 2016 a fol 54 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju 2016 fejn meta sejjah ir-rikors dehru Dr Robert Abela u Dr Anthony Zerafa ghall-intimati Bernice u Deborah Farrugia, prezenti fl-Awla. Dehret Dr Pauline Lanzon li assocjat ruhha fil-patrocinju tal-intimata Catherine Farrugia prezenti fl-Awla. Dehru wkoll Dr Joseph Sammut u Dr Josephine Farrugia Mifsud ghar-rikorrenti prezenti. Il-Qorti ordnat l-isfilz tal-kontro-replika prezentata fl-4 ta' Mejju 2016 *stante* li mhix

awtorizzata. Ir-rikors gie pospost. Meta rega' ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet, il-partijiet u deher ukoll Dr Mario De Marco. Xehdu bil-gurament taghhom: Paul Grech, Carmelo Briffa, Raymond Camilleri, Deborah Farrugia u Bernice Farrugia liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet : Dr Joseph Sammut, Dr Mario De Marco u Dr Robert Abela, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-esponenti qed jitolbu l-hrug tal-mandat odjern sabiex jikkawtelaw l-kreditu taghhom ta' €252,535.99 kontra John Farrugia, ir-ragel premorjenti tal-intimata Catherine Farrugia u missier l-intimati Deborah u Bernice ahwa Farrugia. Ir-rikorrenti jghidu li din is-somma tirraprezenta somom li ghaddew lid-defunt John Farrugia b'self *brevi manu* fil-vesti tieghu ta' fiducjarju taghhom u dan b'diversi skritturi.

Dan il-mandat kif ifformulat gie intavolat *ai termini* tal-artikolu 874 tal-Kap12 u ghalhekk, skont l-istess disposizzjoni kif assodata wkoll fil-gurisprudenza taghna,

mhuwiex mehtieg li r-rikorrent jipprova li l-hrug tal-mandat huwa mehtieg irrimedjabbilment.

Rat ukoll li *ai fini* tal-artikolu 874(2) kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2016, gie esebit abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha.

Illi l-intimati wiegbu li talba identika ghal dik odjerna saret fi proceduri ghall-hrug ta' mandat precedenti, u li giet michuda. Ghaldaqstant irrilevaw li l-procedura odjerna hija abbuziva u tikkostitwixxi attentat ta' *forum shopping.*

Illi fil-mertu Catherine Farrugia, armla minn John Farrugia irribattiet li l-proprjeta oggett ta' dan il-mandat, ma jappertjenux lilha; li ma hemmx relazzjoni guridika bejnha u r-rikorrenti; li ma hemm l-ebda prova imqar *prima facie*, li taddebitaha personalment ghar-rifuzjoni tal-ammonti pretizi. Anke bhala ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha, irrilevat li ma iffirmat l-ebda skrittura ta' self mar-rikorrenti kif kien mehtieg **skont l-artikolu 1322(2) tal-Kodici Civili** sabiex titqies ko-responsabbli ma' zewgha, u lanqas tista', ghall-istess raguni, tigi ggravata l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-konjugi Farrugia.

Illi l-intimati Deborah u Bernice Farrugia opponew ghat-talba u ghamlu riferenza ghall-Mandat ta' Inibizzjoni identiku precedentement intavolat mir-rikorrent odjerni u li kien gie michud. Ghamlu riferenza ghar-risposta taghhom fl-atti ta' dak il-Mandat fejn irribattew li :

- m'ghandhomxrelazzjoni guridika mar-rikorrenti.
- mhumiex l-eredi ta' missierhom.
- mhumiex debituri tar-rikorrenti.

**Dokumenti esebiti**

Illi mill-provi dokumentarji jirrizulta li fil-5 ta' Dicembru 2013 gie ppubblikat kuntratt ta' xiri tal-beni imsemmija f'dan il-mandat fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela (DOK A). Jidher li f'dik id-data ddahhlu emendi bil-miktub fejn l-akkwirenti John u Catherine Farrugia ma dehrux izjed bhala x-xerrejja, imma dehru bhala *Assignors* u gew imdahhlin ukoll il-konnotati tal-intimati Bernice u Deborah Farrugia, sabiex dawn gew imsejhabhala ix-xerrejja. Il-proprjeta' mixtrija b'dak il-kuntratt hija proprju l-immobbli in mertu tal-mandat odjern u l-prezz ta' xiri hu dikjarat ta' €1,350,000 minn liema s-somma ta' €140,000 gja thallas u l-bilanc ta' €1,210,000 <u>thallas fuq il-kuntratt</u>. (emfasi tal-Qorti.) L-ammont ta' taxxa fuq l-akkwist kien ta' €67,500 li thallas ukoll fuq l-att salv ghall-ammont ta' €14,000 li thallas fuq il-konvenju mal-konjugi Farrugia. Fuq dana l-att a fol 16 tal-process hemm miktub "*Monies used to purchase were all paid by the Purchasers parents, that is the Assignors."* Dawn l-emendi jidhru fil-kopja awtentikata tal-kuntratt esebit mill-intimati.

Ir-rikorrenti esebew ukoll diversi skritturi ta' self *brevi manu (fol 74-81)* iffirmati minn John Farrugia, izda minghajr il-firma tal-mara jew tat-tfal, flimkien ma' kopji ta' zewg *post*

*dated cheques* pagabbli lill-Paul Grech u *post dated cheque* favur ir-rikorrenti konjugi Camilleri, ghall-ammont ta' self flimkien mal-imghaxijiet ikkalkolati sad-data tal-pagament.

**Dritt:**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrent juri li ghandu *prima facie* il-jeddijiet li jifformaw il-*causa* guridika tat-talbiet tieghu.[1] Il-kriterji rikjesti bil-Ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-

[1] Ara f'dan is-sens **"Emmanuel Sammut vs Josephine Sammut"** P.A. TM deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Mandat Identiku - Abbuz ta' Procedura**

Illi l-intimati esibew kopja tad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija mill-On.Imhallef Silvio Meli fil-15 ta' Marzu 2016. Ir-rikors odjern gie pprezentat fl-istess gurnata li inghata dan id-digriet. Kopja tal-ewwel mandat ma gietx esebita izda l-ammont dedott huwa identiku.

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li ssottometta li bir-rikors odjern qed jittrattaw punti differenti. Il-Qorti tifhem li b'dan kien qed jirreferi ghall-aspetti fiducjarji ***ai termini*** **tal-artikoli 1124A u 1124B tal-Kodici Civili** li ma gewx trattati mill-Qorti edotta bl-ewwel mandat.

Ir-rikors hu mibni fuq riferenza, li fankament din il-Qorti ssib li hija vaga wisq, u cioe ghal xi "*manuvri sabiex (John Farrugia) icahhad lir-rikorrenti*" mid-drittijet taghhom meta halla lil martu eredi u eskluda lit-tfal mill-eredita'.

Id-difensur tar-rikorrenti jaghmel riferenza ghall-artikoli **1124A u 1124B tal-Kodici Civili** izda dan ma jaghmel l-ebda sens ghaliex dawn jirreferu ghall-obbligazzjonijiet tal-fiducjarju, li f'dan il-kaz kien John Farrugia, u ghall-garanziji ta' proprjeta' mizmuma minn persuna bhala fiducjarju. Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda *prova prima facie* li l-proprjeta' in mertu nxtrat minn John Farrugia bhala fiducjarju, anzi inxtrat qabel ma sehh is-self, ghalkemm il-Qorti hija disposta li taccetta l-argment li nxtrat bi flus John Farrugia (kif *del resto* huwa dikjarat fil-kuntratt stess) .

**Ikkonsidrat** li hu pacifiku li t-tfal mhumiex il-werrieta tad-defunt John Farrugia u li l-intimata Catherine Farrugia kienet nominata eredi tieghu. Din il-Qorti taqbel mat-tezi li l-armla ma tistax titqies kompartecipi f'dejn assunt b'att ta' amministrazzjoni straordinarja meta hi lanqas iffirmat l-iskritturi ta' self. Izda apparti din il-kwistjoni. l-kuntratt ta' xiri tal-proprjeta' in mertu sar fl-ahhar mill-ahhar, bejn il-venditur u l-ulied, filwaqt li Catherine Farrugia m'ghandha l-ebda sehem fl-akkwist u l-ebda dritt reali li tista' tiddisponi minnu fuq dawn il-beni.

**Ghalhekk il-mandat odjern m'ghandu l-ebda skop fil-konfront taghha u ma jistax jirnexxi.**

Hu pacifiku wkoll li n-negozju ta' self sar bejn ir-rikorrenti u John Farrugia wahdu. Mill-atti esebiti l-Qorti tiddeduci li John Farrugia kien qed jagixxi f'ismu personalment, almenu hekk jirrizulta fuq bazi *prima facie.* Dwar ir-rabta guridika bejn l-ulied u r-rikorrenti, tqies li l-mera prezenza

tat-tfal waqt li ghaddew xi flus bejn ir-rikorrenti u missierhom mhix prova ta' relazzjoni guridika lanqas sal-grad rikjest ghall-fini ta' dan il-mandat. Ir-rikorrenti f'ebda hin waqt ix-xhieda taghhom ma gabu xi prova jew *fumus* li t-tfal assumew l-obbligu minnflok jew flimkien ma' missierhom jew taw xi garanzija ghad-dejn , u l-prezenza passiva taghhom certament mhiex bizzejjed biex torbothom guridikament.

Illi fix-xhieda taghhom ir-rikorrenti ghamlu riferenza ghall-kumpanija li kien igestixxi d-decujus. Izda hawnhekk l-allegata rabta mal-ulied,gja tenwa issir iktar tenwa billi gie eskluz minnhom li qatt kellhom xi partecipazzjoni fil-kumpanija bhala direttur, azzjonist jew f'xi veste rappresentattiva ohra.

**Frodi**

Illi madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora is-sottofond fattwali, li *del resto* ma giex innegat, li John Farrugia kellu diversi kredituri u kien f'diffikoltajiet finanzjarji tant li ma jistghux jigu soddisfatti kredituri numeruzi tieghu. Min-naha l-ohra jidher mill-kuntratt stess ta' xiri li l-prezz kollu thallas bi flus appartenenti lill-konjugi Farrugia u dan fl-ahhar tas-sena 2013. Izda kif gie rilevat mill-abbli difensuri tal-intimati, x-xiri tal-proprjeta` kien <u>antecedenti ghas-self brevi manu</u>. Certament id-debitur ghandu jwiegeb u jaghmel tajjeb lill-kredituri tieghu bi hwejgu kollha prezenti u anke futuri izda mhux b'dak li seta' kellu fil-passat u li ghadda ghand terzi. Min-naha l-ohra l-kredituri ghandhom id-dritt li

jkunu mgharrfa jekk id-debitur taghhom kienx f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Legalment ukoll hija gustifikata l-mistoqsija jekk il-versament ta' ben €1,350,000 a beneficcju tal-intimati uliedu, sar fi zmien gja suspett. Ir-rikorrenti *tramite* d-difensur taghhom jigbdu l-inferenza li t-tfal kienu gja jafu bis-sitwazzjoni ta' missierhom meta rawhom javvanzawlu l-flus izda llum din l-allegazzjoni baqghet fl-isfera ta' mera supposizzjoni .

Ikkonsidrat li l-intimati ahwa Farrugia huma s-sidien tal-proprjeta' u kwindi t-talba in kwantu qed jintalab l-inibizzjoni ta' atti fuq il-proprjeta' tista' issir fil-konfront taghhom.

Madanakollu r-rikors hu dak li hu u billi l-procedura odjerna hija wahda straordinarja, l-Qorti ghandha l-obbligu li tinterpreta l-att promotur restrittivament. Gie sottomess mid-difensur tal-intimati li mhuwiex lecitu li wiehed jibdel l-kawzali tieghu u gie argumentat li r-rikorrenti qed jaghmlu proprju hekk. Il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb.

Illi fid-dawl tal-premess il-Qorti ser tghaddi biex tichad il-mandat billi mhuwiex ppruvat fuq bazi *prima facie* dak allegat. Anzi kif ifformulat il-mandat, mhix murija ir-relazzjoni guridika necessarja ma' ‘l ulied sabiex it-talba odjerna tirnexxi fil-konfront taghhom. Madanakollu l-Qorti ser tirriserva lir-rikorrenti l-possibilita' li jirregolaw ruhhom anke b'mandat ulterjuri purche' l-kawzali tkun precizata u sostnuta skont il-Ligi, billi l-ligi hija hemm mhux biss ghar-ragunijet formalistici imma biex issehh gustizzja sostantiva mal-partijiet.

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, u semghet it-trattazzjoni, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Marzu 2016 u tichad it-talba fil-konfront tal-intimati, b'riserva lir-rikorrenti li jiddeducu talba ulterjuri li tkun sorretta guridikament skont il-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Mejju 2016**